# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 340/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Felix Schembri**

Seduta tas-26 t'April, 2018

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Felix Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 192168M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Lulju, 2013, ghall-habta ta' 13:15hrs gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana waqt li kien qed isuq l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DEN 418:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata (b) perikoluza (c) u bla kont;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kevin Gauci skond kif iccertifikat minn Dr. Michelle

Darmanin MD Reg-5421 tal-Isptar Mater Dei u Dr. Silvaine Marie Dalli MD Reg-5420;

3. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linja bajda kontinwa;

4. Ghamel 'u-turn' f'post ipprojbit cioe' fi triq maggura;

5. Qasam fuq linji ta' avvertiment dwar ostaklu jew linji ta' dell dwar ostaklu.

Il-prosekuzzjoni talbet lil Qorti li l-imputat ikun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Gunju, 2015 li biha ma sabitx lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni u lliberatu minnha, izda, sabitu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u ir-raba (4) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' elfejn ewro (€2,000) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' sena;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Felix Schembri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza in kwantu kkundannat lill-appellanti multa ta' elfejn Euro (€2,000) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena, u timmodifika konsegwentement l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena alternattiva aktar miti u idoneja ghac-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi din kienet wahda esagerata b'mod partikolari fejn si tratta tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal-zmien sena;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti. L-appellant kien appena hareg mill-parkegg tal-Belt bl-isem MCP. Il-hrug dak iz-zmien kien jinsab ftit aktar 'l fuq mill-*fuel station* u l-unika direzzjoni li seta jmur fiha kienet lejn il-Monument tal-Gwerra fit-tarf ta' Triq Sant'Anna sabiex minn hemm jaqbad ir-*roundabout* u jaghzel id-direzzjoni tieghu. Minflok, huwa ghazel illi jdur lura lejn ix-Xaghra tal-Furjana u sabiex ghamel hekk, qasam il-kareggjata u dar fuq il-lemin tieghu. Il-parti leza li kien qed isuq mutur gej minn naha ta' Marsamxett sab il-karreggjata tieghu ostakolata b'din il-manuvra u spicca waqa' bil-konsegwenzi li garrab offizi ta' natura gravi;

3. Issa, l-appellant jargumenta illi ghalkemm ma huwiex qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija, ghaliex il-fatti huma li huma, l-ewwel Qorti kellha tkun aktar klementi mieghu l-aktar fejn si tratta tas-sospensjoni tal-licenzja u jargumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli taghti piz ghal-fatt illi kien ikkopera bis-shih mal-Pulizija; it-testimonjanza tieghu kienet wahda skjetta u mghobbija b'dispjacir ghall-izball tieghu; l-parti leza

regghet assumiet il-funzjonijiet li kellha qabel l-incident; is-sewqan tieghu kien klassifikat bhala wiehed traskurat; u li l-licenzja tas-sewqan hija indispensabbli ghan-negozju tieghu;

4. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-appellant jargumenta ukoll illi l-ewwel Qorti sabitu hati tal-aspett l-anqas gravuz mit-tliet possibilitajiet ipotizzati fl-ewwel imputazzjoni. Ezaminata s-sentenza appellata, huwa minnu illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-manuvra ezegwita mill-appellant kienet wahda traskurata izda jidher li dik kienet deskrizzjoni generali tal-incident mill-ewwel Qorti li wara kollox sabitu hati *inter alia* tal-ewwel imputazzjoni minghajr kwalifiki jew eccezzjonijiet. L-ewwel Qorti naturalment hadet in konsiderazzjoni dak li xehed quddiemha l-istess appellant meta ddikjara li kien jaf li ma setghax jaghmel dik il-manuvra izda ghamilha biex jiffranka zewg minuti. Ukoll illi meta ghamel il-manuvra, peress illi l-vettura tieghu ma setghetx tezegwixxi l-istess f'azzjoni wahda, kellu jirriversja u li lanqas biss qatt kien ra lill-parti leza gej fuq il-mutur u wisq anqas li kien waqa' u wegga';

5. L-appellant jirrikonoxxi illi *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, mhux normali li tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata. Issa, kwantu s-sospensjoni tal-licenzja, kien tassattiv fuq l-ewwel Qorti illi taghmel dan ai termini tal-artikolu 15(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta la darba l-imputat kien misjub hati ta' sewqan perikoluz, traskurat u bla kont. Il-gravita' tal-azzjoni tal-imputat hija imbaghad riflessa fis-sentenza appellata fit-terminu tas-sospensjoni kif ukoll fl-ammont tal-multa imposta;

6. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti u ghalhekk l-appell qed ikun michud. Konsegwentement t-

terminu ta' sena sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum;